

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Marzu 2015 kif ukoll tar-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti tagħhom, sa fejn dawn ir-rendikonti japplikaw id-Deċiżjoni tas-SEAE, tat-23 ta' Frar 2015, dwar it-tnejja mill-1 ta' Jannar 2015, tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja mħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fil-Gana.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rendikonti tar-remunerazzjoni ta' David Martinez De Prins u uffiċjali u aġġenti oħra tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li l-ismijiet tagħhom jidħru fl-Anness stabbiliti mis-SEAE għax-xahar ta' Marzu 2015 huma annullati sa fejn dawn ir-rendikonti japplikaw id-Deċiżjoni tas-SEAE, tat-23 ta' Frar 2015, dwar it-tnejja mill-1 ta' Jannar 2015, tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja imħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fil-Gana.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Is-SEAE huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 111 tad-29.3.2016 (kawża inizzjalment irregjistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-153/15 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017 – Campo et vs SEAE

(Kawża T-577/16)<sup>(1)</sup>

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Membri tal-persunal — Remunerazzjoni — Persunal tas-SEAE assenjat f’pajjiż terz — Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal — Evalwazzjoni annwali tal-allowance tal-kundizzjonijiet tal-ħajja — Deċiżjoni dwar it-tnejja mill-1 ta' Jannar 2015, tal-ħajja fil-Montenegro minn 15 għal 10 % — Eċċeżżjoni ta’ illegalità”)

(2018/C 042/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Alessandro Campo (Podgorica, Montenegro) u t-12 ir-rikorrenti l-ieħor li isimhom jinsab f'anness mas-sentenza (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: S. Marquardt, aġġent, assistit minn M. Troncoso Ferrer, F.-M. Hislaire u S. Moya Izquierdo, avukati)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Marzu 2015 kif ukoll tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom sussegwenti, sa fejn dawn ir-rendikonti japplikaw id-deċiżjoni tas-SEAE, tat-23 ta' Frar 2015, dwar it-tnejja mill-1 ta' Jannar 2015, tal-allowance tal-kundizzjonijiet tal-ħajja mħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat f'Montenegro.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rendikonti tar-remunerazzjoni ta' Alessandro Campo u tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal l-oħra tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-anness imfassal mis-SEAE għax-xahar ta' Marzu 2015 fid-data li fha ġie ppreżżentat ir-rikors, huma annullati sa fejn dawn ir-rendikonti japplikaw id-deċiżjoni tas-SEAE tat-23 ta' Frar 2015 dwar it-tnejja mill-1 ta' Jannar 2015, tal-allowance tal-kundizzjonijiet tal-ħajja mħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat f'Montenegro.

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.  
 3) Is-SEAE huwa kkkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 145, 25.4.2016 (kawża inizjalment irregistata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-6/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Diċembru 2017 – HQ vs CPVO

(Kawża T-592/16)<sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġid — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Dmir ta’ premura — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Dritt għal smiegħ — Fastidju psikoloġiku — Użu ħażin ta’ poter — Responsabbiltà”)*

(2018/C 042/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: HQ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) (rappreżentanti: A. Verdini, aġent, assistit minn D. Waelbroeck u minn A. Duron, avukati)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet tas-CPVO, tal-24 ta’ Ġunju 2015, li l-kuntratt tar-rikorrenti ma jiġix imġedded, u tal-20 ta’ Jannar 2016, li tiċħad l-ilment u, min-naħħa l-oħra, għall-ksib ta’ kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sofriet.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.  
 2) HQ hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 251, 11.7.2016 (inizjalment il-kawża għiet irregistrazione quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-22/16 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Diċembru 2017 – CJ vs ECDC

(Kawża T-602/16)<sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Rapport ta’ evalwazzjoni tal-karriera — Proċedura ta’ evalwazzjoni 2012 — Redazzjoni — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tagħlaq ir-rapport ta’ evalwazzjoni”)*

(2018/C 042/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: CJ (rappreżentant: V. Kolijs, avukat)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: J. Mannheim u A. Daume, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)